# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## IMĦALLEF

## Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)

**Illum, 8 ta' Gunju, 2021**

Rikors Numru: 26/21 AL

A B

vs

C D

(MR Nurmu 899/2010)

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġurament mir-rikorrenti li permezz tiegħu ppremettiet:

1. Illi l-partijiet iżżewġu nhar it-tnax ta' Ġunju tas-sena elfejn u għaxra (12.06.10), u li minn dan iż-żwieġ tagħhom ma twieldu l-ebda ulied.

2. Illi l-partijiet ilhom legalment separati minn xulxin sa' mill-ħamsa t' April sena elfejn u tmintax (05.04.18), u dana permezz ta' kuntratt redatt min-Nutar Pubbliku Dr. Daniel Caruana LL.D, kopja

awtentikata ta’ liema kuntratt qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata Dok. DS 1.

3. Illi ma hemm l-ebda prospett raġjonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet, stante li minbarra l-fatt illi l-partijiet ilhom legalment separati sa’ mill-elfejn u tmintax (2018), huma ilhom ukoll separati de facto kif jirriżulta minn klawsola numru wieħed (1) tal-istess att u ormai għandhom ħajja totalment separati minn xulxin.

4. Illi ma hemm l-ebda manteniment dovut versu l-konvenut, stante rinunzja reċiproka li tirriżulta mill-anness kuntratt fi klawsola numru erbgħa (4) tal-istess.

5. Illi in oltre ma hemm lanqas manteniment dovut lil ulied stante li minn dan iż-żwieġ ma kien hemm l-ebda ulied.

Talbet lill-intimat jgħid għaliex din il-Qorti m’għandhiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet.

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fi żmien mħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet sabiex dana jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tat-28 ta’ Jannar, 2021;

Rat illi l-intimat debitament notifikat ma pprezentax risposta u ma deherx ghal dawn il-proċeduri;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat ukoll illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-5 ta’ April, 2018;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta’ rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ ħlas ta’ manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.